MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2011

Citazzjoni Numru. 286/2010

**A B**

**-vs-**

**C. D E u l-Prokuratur Legali Louisa Tufigno li b'digriet tal-5 ta' Ottubru 2010 gew nominati Kuraturi Deputati biex jirraprezentaw lill-assenti minn Malta F G**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' A B fejn din, wara li ppremettiet:

Peress illi l-kontendenti zzewgu nhar it-2 ta' Settembru 2007 gewwa s-Sirja, liema zwieg gie registrat gewwa Malta (Dok. A);

Peress illi l-konvenut irrenda ruhu hati ta’ abbandun minghajr raguni versu l-attrici;

Peress illi in oltre, iz-zwieg ta’ bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabilment;

Peress illi l-attrici giet debitament awtorizzata tipprocedi ghas-separazzjoni personali permezz ta’ digriet datat 24 ta’ Gunju 2010 (Dok. B);

Ghaldaqstant, l-attrici titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

Tippronunzja s-separazzjoni personali ta’ bejn il-kontendenti bi htija tal-konvenut;

Tordna x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti;

Tapplika l-artikolu 48 et seq tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta stante li huwa l-konvenut li huwa unikament hati tal-firda minn mal-attrici u ghalhekk ghandhom jigu applikati l-effetti kollha tal-imsemmi artikolu fil-konfront tal-istess konvenut.

Bl-ispejjez u l-konvenut minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat id-digriet tal-5 ta’ Ottubru 2010 li permezz tieghu gew nominati C. D E u l-P.L. Louisa Tufigno bhala kuraturi biex jirraprezentaw lill-assenti F G.

Rat li, ghalkemm debitament notifikati, l-imsemmija kuraturi ghazlu li ma jressqu ebda twegiba u lanqas dehru fil-gurnata appuntata ghas-smiegh tal-kawza.

Rat l-atti kollha.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat permezz ta’ din il-kawza, A B qed titlob lil din il-Qorti tiddikjara s-separazzjoni personali bejnha u zewgha. Il-koppja kienu ltaqghu permezz tal-internet. Il-mara kienet armla b’hamest itfal. Ir-ragel qalilha li kien ta’ nazzjonalita’ Iraqqina u kien jghix fis-Sirja.

Wara xi xhur tikkomunika mieghu bl-internet, l-attrici marret is-Sirja u l-koppja zzewgu. Il-mara giet lura Malta wara xi granet. Ir-ragel kellu jigi Malta xi zmien wara u qatt ma gie. Jidher li ma rnexxilux jottjeni l-permess mehtieg. Waqaf jikkomunika ma' martu u hija issa lanqas biss taf jekk ghadux haj, wisq anqas fejn joqghod.

Fic-cirkostanzi, il-Qorti ma ssib ebda diffikulta' tiddikjara l-firda personali bejn il-koppja.

**Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

1. Tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja l-firda personali bejn il-partijiet u dan minhabba tortijiet imputabbli lir-ragel;

2. Tilqa' t-tieni talba u xxolji l-komunjoni tal-akkwisti;

3. Tilqa' t-tielet talba.

L-ispejjez jithallsu minn F G.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------